Sealed tenders will be received in the Council's tender box up to noon of Monday, 24th July 2006, for:-

Advt. No. LCS62/06. Street sweeping and cleaning.

Tender documents may be collected from the Council's Office from Monday to Friday between 8.30 a.m. and noon, against a fee of Lm20.

Tenders will be opened in public on the closing date and time.

The Council reserves the right to refuse even the most advantageous offer. Late tenders will not be accepted.

11th July, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1126

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-3 ta' Mejju 2006, il-Qorti Ċivili Prim'Awla ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi.

Repubblika ta' Malta.

Lill-Marixxall tal-Qorti.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-3 ta' Mejju 2006, fuq talba ta' l-Avukat Dottor Luigi A. Sansone et noe, ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Visa Negoce (Sarl) Import/Export fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet l-Avukat Dottor Luigi A. Sansone noe vs Visa Negoce (Sarl) Import/Export u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Min jirċievi dan ir-Rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha.

L-Avukat Dottor Luigi A. Sansone, LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta ta' l-identità numru 258269 ittra 'M' bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Diesel S.p.a. ta' 7, Via dell'Industria, 36060 Molvena, Vicenza, l-Italja

It is hereby notified that by a decree of the 3rd May 2006, the Civil Court First Hall ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purposes of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators

Republic of Malta.

To the Marshall of the Court.

Whereas by decree given by this Court on the 3rd May 2006, following a request of Advocate Dr. Luigi A. Sansone et noe, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent Visa Negoce (Sarl) Import/Export in the records of the Application in the names Advocate Dr. Luigi A. Sansone noe vs Visa Negoce (Sarl) Import/Export and in the relative and subsequent acts.

Who receives this Sworn Application against him is to present sworn reply within twenty (20) days from the date of service, that is from when he receives it.

Advocate Dr. Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., holder of identity card number 258269 letter 'M' as special mandatary of the foreign company Diesel S.p.a. of 7, Via dell'Industria, 36060 Molvena, Vicenza, Italy.

Vs

Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Visa Negoce (SARL) Import Export ta' No. 341, Rue 10 Lot Hadj, Fatah Lissasfa, Casablanca, il-Marokk.

Rikors ta' l-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), detentur tal-karta ta' l-identità numru 258269 ittra 'M' bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Diesel S.p.A. ta' 7, Via dell'Industria, 36060 Molvena, Vicenza, l-Italja.

Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jiddikjara:

1. Illi l-Avukat Dottor Luigi A. Sansone jirrappreżenta lis-soċjetà estera Diesel S.p.A. magħrufa madwar id-dinja inkluż f'Malta inter alia in konnessjoni ma' arloġġi ta' l-idejn (wristwatches) u proprejtarja ta' diversi trademarks li jkopru dan in-negozju tagħha;

2. Illi b'ħila u b'invenzjoni kif ukoll b'ħafna sagrifiċċju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti tagħha, is-soċjeta attriċi akkwistat reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat-trademarks tagħha;

3. Illi in partikolari s-soċjetà attriċi għandha rreġistrata f'Malta b'effett mit-18 ta' Jannar 1994, it-trademark bin-numru ta' reġistrazzjoni 22930 u dan dwar arloġġi ta' l-idejn (watches) fost oħrajn li jaqgħu fi klassi 14 tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta' Prodotti u Servizzi taħt in-Nice Agreement Concerning the International Classification of Goods and Services for the Purposes of the Registration of Marks tal-15 ta' Ġunju 1957 (kif sussegwentement emendat);

4. Illi dwar dawn l-oġġetti (fost oħrajn) is-soċjetà attriċi hija 'detentriċi ta' dritt' għall-iskopijiet tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Att dwar Drittijiet dwar Proprjetà Intellettwali (Miżuri Intrakonfini) (Kapitolu 414 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta), biex b'hekk inter alia tgawdi mill-protezzjoni taħt dik l-istess liġi fl-artikli 2(1) (a) (i) u (ii), 4 and 8 (1) tagħha;

5. Illi reċentement waqt l-iskrutinji taħt xi waħda mill-proċeduri doganali msemmija fl-artikolu 4 ta' l-istess Kap. 414 hawn qabel imsemmija, il-Konrollur tad-Dwana kien issospenda r-rilaxx tal-container ECMU 9317020 ta' tul ta' 40 pied kontenenti inter alia 3,890 arloġġi ta' l-idejn li fihom sinjali fosthom il-kelma 'Diesel' miktuba b'mod prominenti (nonostante li fuq il-bill of lading relattiv id-deskrizzjoni tal-packages relattiva hija ta' radio eċċ), liema artikli waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana in transitu għar-rilaxx eventwali favur consignee/ importatriċi indikata fuq l-istess bill of lading bħala Visa Negoce (Sarl) Import Export, u prima facie dehru ċar lill-istess Kontrollur tad-Dwana li kienu jikkontravvjenu dritt ta' proprjetà intellettwali;

Vs

Deputy Curators to represent Visa Negoce (SARL) Import Export of No. 341, Rue 10, Lot Hadj, Fatah, Lissasfa, Casablanca Marokk.

Application of Advocate Dr. Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), holder of identity card number 258269 letter ' M' as special mandatary of the Foreign compsny Diesel S.p.a. of 7, Via dell'Industria, 36060 Molvena, Vicenza, Italia.

Pleads with respect and confirms by his oath:

1. That Advocate Dr. Lugi A. Sansone represents the foreign company Diesel S.p.A. known around the whole world including Malta inter alia in connection with (wristwatches) and owner of various trademarks which cover its business;

2. That by skill and invention as well as huge financial sacrifices and promotional activity on its part, the plaintiff company acquired a reputation and huge goodwill, both on the foreign market as well as the local market, in connection with its trademarks;

3. That in particular the plaintiff company has registered in Malta with effect from the 18th January 1994, the trademark with registration number 22930 and this regarding hand watches (watches) amongst others which fall in class 14 of the International Classification of Products and Services under the Nice Agreement Concerning the International Classification of Goods and Services for the Purposes of the Registration of Marks till the 15th June 1957 (as subsequently amended);

4. That as regards these objects (amongst others) the plaintiff company is the 'holder of the right' for the relevant purposes of the Act Regarding Rights of Intellectual Property (Interborder Measures) (Chapter 414 of the Revised Edition of the Laws of Malta), so that inter alia they enjoy protection under that same law in articles 291) (a) (i) and (ii) , 4 and 8 (1) of the same;

5. That recently whilst checking was going on under one of the customs procedures mentioned in article 4 of the same Chapter 414 herein before mentioned, the Comptroller of Customs had suspended the release of the forty foot container ECMU 9317020 containing inter alia 3,890 wrist watches on which the marks of the word 'Diesel' written out prominently (notwithstanding that on the relative bill of lading the description of the relative packages is of a radio etc), which articles arrived in the Freeport Terminal of the Customs in transitu for the eventual release in favour of the consignee/ importer indicated on the same bill of lading as Visa Negoce (Sarl) Import/Export and prima facie it appeared clearly to the same Comptroller of Customs that they contravened the right of intellectual property;

6. Illi s-soċjetà attriċi ġiet mgħarrfa bis-sejba fil-5 ta' April 2006 u wara li eżaminat ritratti elettroniċi ta' kampjuni ta' dawn l-oġġetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oġġetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet tagħha dwar proprjetà intellettwali;

7. Illi l-azzjonijiet tal-konvenuta jiksru d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 4 tal-Kap. 414 qabel imsemmi kif ukoll ta' l-artikolu 10(1) u (2) (b) ta' l-Att dwar it-Trademarks (Kap. 416) u japplikaw għall-każ id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-artikli 14 sa 19 ta' l-istess Kap. 416, 2 u 8 (1) ta' l-istess Kap. 414 u 76A(1) tal-Att XXII tal-2005 dwar Azzjonijiet Ġudizzjarji (Miżuri Varji);

8. Illi sussegwentement is-soċjetà attriċi ngħatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana, u ġie lis-soċjetà attriċi prefiss terminu mill-istess Kontrollur tad-Dwana sal-5 ta' Mejju 2006, sabiex tingħatalu l-prova li nbdew l-opportuni proċedimenti ġudizzjarji ċivili fil-konfront tal-konvenuta li jwasslu għal deċiżjoni sostantiva dwar il-merti tal-każ;

9. Illi l-esponent nomine jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati.

10. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn qabel premessi l-attur nomine umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti;

(1) tiddikjara li l-oġġetti konsistenti f'3,980 arloġġi ta' l-idejn li fihom sinjali fosthom il-kelma 'Diesel' miktuba b'mod prominenti u li jinsabu preżentement taħt l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container ECMU 9317020 kontenenti l-imsemmija oġġetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi fir-rigward tat-trademark tagħha bin-numru ta' reġistrazzjoni 22930-DIESEL.

(2) Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti 'hinn mill-kanali tal-Kummerċ b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lis-soċjetà attriċi jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-oġġetti, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lill, u a spejjeż tal-konvenuta;

(3) Tieħu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dawk l-oġġetti kull miżura oħra li jkollha l-effett li effettivament iċċaħħad lill-konvenuta mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni;

(4) Tordna li l-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attriċi, inklużi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija oġġetti għall-ħażna qabel id-distruzzjoni eventwali tagħhom, tal-ħażna stess, tat-trasport mil-lok tal-ħażna sal-lok ta' l-eventwali distruzzjoni u tad-distruzzjoni stess.

6. That the plaintiff company was informed of the finding of the 5th April 2006 and after examining the electronic photos of the samples of these objects, confirmed to the same Comptroller of Customs that these in fact are counterfeit objects which contravene its rights regarding intellectual property;

7. That the actions of the defendant violate the dispositions of article 4 of Chapter 414 previously mentioned as well as article 10(1) and (2) (b) of the Trademarks Act (Chapter 416) and apply to the case the relevant provisions of articles 14 to 19 of the same Chapter 416, 2 and 8 (1) of the same Chapter 414 and 76(A) (1) of the Act XXII of 2005 regarding Judicial Acts (Various Measures);

8. That subsequently the plaintiff company was given the details of the defendant by the Comptroller of Customs, and a term was fixed by the Comptroller of Customs in favour of the plaintiff company till the 5th May 2006, in order that he be given proof that the opportune judicial proceedings be intiated against the defendant which bring about a substantive decision on the merits of the case;

9. That the applicant nomine knows personally about all the facts herein declared.

10. That thus this cause had to be made;

That thus for the reasons above premised the plaintiff nomine humbly asks this Honourable Court;

(1) declare that the objects consisting in 3,980 wrist watches which have marks amongst which the word 'Diesel' written out prominently and which are presently under the authority of the Comptroller of Customs after he had suspended the release of the container ECMU 9317020 containing the said objects contravene the rights of intellectual property of plaintiff company as regards its trademarks with registration number 22930-Diesel.

(2) To order the Comptroller of Customs to dispose of the said objects outside the channels of Commerce in such a manner as to preclude any damage to the plaintiff company or order the Comptroler of Customs to destroy those objects, in each case without any compensation and at the expense of the defendant;

(3)To take or order the Comptroller of Customs to take as regards the said objects any measure which effectively deprives the defendant from the economic benefits of the transaction .

(4) To order that the defendant is to suffer all the expenses connected with the measures ordered in terms of the second and third demands of the plaintiff including those for the transport of the said objects for storage before their eventual destruction, of the storage itself of the transport for the storage to the eventual destruction, and the destruction itself,

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni tagħha.

Lista tax-Xhieda.

…Omissis…

Elenku tad-Dokumenti.

…Omissis…

Notifiki: 84, Triq Melita, Valletta VLT 12.

Konvenuta: Kuraturi Deputati - Il-Qorti, Valletta.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b'lill kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Onor. Imħallef Tonio Mallia, LL.D., Duttur tal-Liġi.

Illum, 3 ta' Mejju 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Lulju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs against the defendant from now summoned so that a reference to its evidence be made.

List of Witnesses.

…Omissis…

List of Documents.

...Omissis…

Services: 84, Melita Street, Valletta VLT 12.

Defendant: Deputy Curators, the Courts, Valletta.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days , and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You re also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr. Justice Tonio Mallia, LL.D., Doctor of Laws.

Today 3rd May 2006.

Registry of the Superior Courts, today 5th July 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1127

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Ġunju 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 1729/97 GV, fl-ismijiet Edrichton Holdings Limited vs Kidds Holdings Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta a tenur ta' l-Artikolu 187(4) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Avviż ta' kawża li reġgħet inġiebet għas-smigħ maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, it-Tnejn 12 ta' Ġunju 2006, il-kawża Ċitazzjoni Numru 1729/1997 GV, fl-ismijiet Edrichton Holdings Limited vs Kidds Holdings Limited li kienet Sine Die mit-Tnejn, 5 ta' Ġunju 2006, reġgħet ġiet imqiegħda għas-smigħ għal nhar it-Tnejn, 16

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 12th June 2006, in the records of the Writ of Summons Number 1729/97 GV, in the names Edrichton Holdings Limited vs Kidds Holdings Limited, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant company in terms of Article 187(4) of Cap. 12.

By means of a Notice of a case which was set down again for hearing issued by the Registry Superior Courts, on Monday 12th June 2006, the case Writ of Summons number 1729/1997 GV, in the names Edrichton Holdings Limited vs Kidds Holdings Limited which was Sine Die from Monday 5th June 2006, was set down again for hearing for Monday

ta' Ottubru 2006, fid-9.30 a.m. quddiem l-Onor. Imħallef Geoffrey Valenzia.

Notifika: 1) Kidds Holdings Ltd
Villa Jaina, Triq it-Tartarun,
Il-Qawra.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Lulju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

16th October 2006, at 9.30 a.m. before the Hon. Mr. Justice Geoffrey Valenzia.

Notify: 1) Kidds Holdings Ltd
Villa Jaina, Tartarun Street,
Qawra.

Registry of the Superior Courts, today 7th July 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1128

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tal-10 ta' Mejju, 2006, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Fil-Qorti Ċivili Prim'Awla.

Fl-atti tas-Subasta Numru: 29/2001
Fl-ismijiet:
Alan Xuereb
Vs
George Vella et nomine.

Imħallef, l-Onor. Dott. G. Valenzia, LL.D.

Il-Qorti;

Wara li rat il-liberazzjoni tat-Tnejn, 12 ta' Ġunju, 2006, favur Joseph Micallef bil-prezz ta' Lm9,500.00ċ, rigward il-fond hawn taħt imsemmi u li jappartjieni lil Innovative Developers Limited et u cioè:

1. Il-fond bin-numru: 63, Triq is-Suq kantuniera ma' Triq San Franġisk, il-Floriana, liberu u frank, stmat li jiswa' Lm20,000.00ċ.

Billi fiż-żmien stabbilit mil-liġi Alan Xuereb kiser il-kwindena u offra Lm9,786.00ċ għall-fond hawn fuq imsemmi;

Tiddekreta u tagħżel għall-bejgħ b'irkant u l-aħħar liberazzjoni tal-fond hawn fuq imsemmi l-jum tat-Tnejn, 17 ta' Lulju, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati;

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutant, id-debituri, il-liberatarju u dak li offra l-aħħar.

Illum, 30 ta' Ġunju, 2006.

It is hereby notified that by a decree given on the 10th May, 2006 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187 subsection 3 of the Code Of Organisation and Civil Procedure (Chapter12).

In the First Hall of the Civil Court.

In the records of Judicial Sale by Auction
No. 29/2001 in the names:
Alan Xuereb
Vs
George Vella et nomine.

Honourable Dr. G. Valenzia, LL.D.

The Court,

Following the Adjudication of Monday, 12th June, 2006 in favour of Joseph Micallef for the price of Lm9,500.00c, regarding the undermentioned property which belongs to Innovative Developers Limited mentioned in the same Judicial acts, namely:

1. Tenement numbered 63, Market Street, corner with Saint Francis Street, Floriana, free and unencumbered, valued at Lm20,000.00c.

Whereas Alan Xuereb interrupted the statutory-time limit by entering a bid of Lm9,786.00c for the mentioned property;

The Court therefore decrees and appoints the day of Monday the 17th July, 2006, from 9.00 a.m. to twelve noon in the Corridors of these Courts for the Final Sale by Auction;

The Court hereby orders that a copy of this decree be served on the exection creditor, the debtors, the purchaser, and the last bidder.

Today, the 30th day of June, 2006.

Registru tal-Qrati Superjuri Tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili; illum 5 ta' Lulju, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Court First Hall; today the 5th day of July, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1129

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tat-22 ta' Ġunju, 2006, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi fit-28 ta' Ġunju, 2005, u fis-7 ta' Lulju, 2005 rispettivament Carmel Said, I.D. Card No. 339262(M) u martu Valerie Said Conti I.D. Card No.521263(M) ippreżentaw żewġ Ċedoli ta' Fidi ta' Ċens li jġibu n-numri 629/2005 u 653/2005 rigwardanti l-fond numru sbatax (17), bl-isem "It-Terrazza", u li jinsab fi Triq il-Markiż Scicluna, il-Madliena, formanti parti mill-għalqa magħrufa bħala "Tal-Ġakketta" fil-kontrada tal-Madliena kif soġġett għas-subċens annwu u perpetwu ta' Lm79.00ċ pagabbli lil Madliena Heights Limited Reg. No. C-1307.

Reġistru tal-Qrati Superjuri tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, illum 5 ta' Lulju, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree given on the 22nd June, 2006 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187 subsection 3 of the Code Of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

That by two Schedules of Deposit and relative Redemption of Groundrent numbers 629/2005 and 653/2005 filed by Carmel Said, I.D. Card No.339262(M) and his wife Valerie Said Conti I.D. Card No.521263(M) on 28th June, 2005, and 7th July 2005 respectivly are redeeming the annual and perpetual subgroundrent of Lm79.00c payable to Madliena Heights Limited Reg No. C-1307 regarding tenement number seventeen (17), known as "It-Terrazza", in Triq il-Markiż Scicluna, Madliena, forming part of a field kinown as "Tal-Ġakketta" in the district of Madliena.

Registry of the Civil Court First Hall, today the 5th day of July, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1130

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-30 ta' Ġunju 2006, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3), tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi.

Repubblika ta' Malta.

Lill-Marixxall tal-Qorti.

Billi b'digriet mogħti min din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2006, fuq talba ta' Joan Nwaokoro, ġie ordnat li jintgħażlu Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Joakin Chidozie Nwaokoro, fl-atti ta' l-ittra 677/06 NC, fl-ismijiet 'Joan Nwaokoro vs Joakin Chidozie Nwaokoro' u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra ppreżentata fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-22 ta' Ġunju 2006, Joan Nwaokoro ta' 37, Triq

It is hereby notified that by a decree of the 30th June 2006, the Civil Court (Family Section) ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators.

Republic of Malta.

To the Marshall of the Courts.

Whereas by a decree given by this Court on the 30th June 2006, following a request of Joan Nwaokoro, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the absent Joakin Chidozie Nwaokoro, in the records of the letter 677/06 NC, in the names ' Joan Nwaokoro vs Joakin Chidozie Nwaokoro' and in the relative and subsequent acts.

By means of a letter filed in the Civil Court (Family Section) on the 22nd June 2006, Joan Nwaokoro, of 37,

Blondell, Fgura karta ta' l-identità numru 199165(M), talbet li tipproċedi kontra żewġha Joakin Chidozie Nwaokoro, li preżentament jinsab assenti minn Malta, li għandu karta ta' l-identità numru 17463(A) u dan sabiex,

1. Tottjeni l-kura u kustodja esklussiva ta' uliedhom minuri aħwa Nwaokoro;

2. Tottjeni mingħand żewġha manteniment għaliha nnifisha u għal uliedha.

Ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar min għandu jkun il-medjatur.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem fir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fi żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) hawn fuq imsemmija,bix-xhieda ta' l-Onor. Imħallef Geoffrey Valenzia. B.A., LL.D., Duttur tal-Liġi.

Illum 30 ta' Ġunju 2006.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 7 ta' Lulju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Blondell Street, Fgura identity card number 199165(M) prayed that she proceed against her husband Joakin Chidozie Nwaokoro, who is presently absent from Malta, who has identity card number 17463(A) and this so that,

1. She obtains the care and exclusive custody of their minor children sisters Nwaokoro;

2. To obtain from her husband maintenance for herself and for her children.

There is no agreement between the parties as to who should be a mediator.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section) above mentioned with the witness of the Hon. Mr. Justice Geoffrey Valenzia B.A., LL.D, Doctor of Laws.

Today 30th June 2006.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 7th July 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1131

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-8 ta' Mejju 2006, il-Qorti Ċivili Prim'Awla ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta.

Lill Marixxal tal-Qorti.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-8 ta' Mejju 2006, fuq talba tas-soċjetà S. N. Properties Limited, ġie ordnat

It is hereby notified that by a decree of the 8th May 2006, the Civil Courtfirst Hall ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators.

Republic of Malta.

To the Marshall of the Courts.

It is hereby notified that by a decree of the 8th May 2006, following a request of the company S. N. Properties Limited it

biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lis-sidien mhux magħrufa fl-atti taċ-Ċedola ta' Depożitu u fidi ta' ċens fl-ismijiet S. N. Properties Limited vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' Depożitu ppreżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Mejju 2006, fl-ismijiet SN Properties Limited (C 14555) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw sidien mhux magħrufa, is-soċjetà S. N. Properties Limited, soċjetà rreġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni C 14555, bl-uffiċċju reġistrat tagħha fi Triq Santa Marija, Magħtab, Għargħur esponiet bir-rispett;

Illi permezz ta' kuntratt ta' bejgħ datat erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia (Dok. A) is-soċjetà esponenti xtrat u akkwistat mingħand Carmel sive Charles, Alfred u Frances Mallia mart Emanuel, ilkoll aħwa Farrugia, Joseph u Maryanne mart Joseph Caruana, it-tnejn aħwa Demanuele, John Mary Demanuele, Vincenza Dimech mart John, Maria armla minn Arthur Dimech u Ursola Demanuele; Carmelo Mifsud u ħutu Josephine Farrugia mart Carmelo sive Charles, Doris Mifsud, Maria Fatima Vella mart Spiridione, Spiridione Mifsud, Lucrezia sive Grace Grech mart Anthony, Maria Rosaria sive Lucia Chambers mart John, u Pauline Saliba mart Sebastian, il-fondi bl-arja libera tagħhom numru tlieta u tletin (33) u erbgħa u tletin (34) Qrejten Street, Msida.

Illi kif jirriżulta mill-istess att ta' bejgħ 'Dok. A' dawn il-fondi huma soġġetti għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' żewġ Liri Maltin (Lm2) u l-bqija liberi u franki bid-drittijiet u l-ġustijiet kollha tagħhom, liberi minn kwalsijasi ipoteki u privileġġi, liberi minn kwalsijasi drittijiet reali jew personali ta' terzi, minn kwalsiasi litigazzjoni liberi minn kwalsijasi requisition jew acquisition order bil-pussess battal;

Illi l-esponenti ma tafx min huwa/huma d-dominus directus u għaldaqstant qiegħda wkoll kontestwalment ma' din iċ-ċedola, tipperżenta rikors għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-imsemmija sidien mhux magħrufa fl-atti ta' din iċ-ċedola u fl-atti l-oħra sussegwenti;

Ili l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakolta li jagħtiha l-artikolu 1501 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u b' hekk tifdi l-imsemmi ċens;

Illi s-somma ta' żewġ liri Maltin (Lm2) kapitalizzata bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) tammonta għal erbgħin lira Maltin (Lm40).

Għaldaqstant is-soċjetà esponenti tadixxi li din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha tiddepożita s-somma ta' erbgħin lira Maltin (Lm40) rappreżentanti l-fidi taċ-ċens fuq imsemmi sabiex l-istess somma tkun tista' tiġi liberament sbankata mill-intimati kontra r-rilaxx tad-debita riċevuta skond il-liġi.

was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the unknown owners in the records of the Schedule of Depozitu and Redemption of groundrent in the names S. N. Properties Limited vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of a Schedule of Deposit filed in the First Hall Civil Court on the 5th May 2006, in the names SN Properties Limited (C 14555) vs Deputy Curators to represent the unknown owners, the company S. N. Properties Limited, a company registered with registration number C 14555 with its registered office in Saint Mary Street, Magħtab, Għargħur, pleaded with respect;

That by means of a contract of sale dated twenty fourth (24) of June the year two thousand and four (2004) in the records of Notary Dr. Marco Farrugia (Doc. A) the applicant company bought and acquired from Carmel sive Charles, Alfred and Frances Mallia wife of Emanuel, all brothers and sisters Farrugia, Joseph and Maryanne wife of Joseph Caruana, both brother and sister Demanuele, John Mary Demanuele, Vincenza Dimech wife of John, Maria widow of Arthur Dimech, and Ursola Demanuele; Carmelo Mifsud and his brothers and sisters Josephine Farrugia wife of Carmelo sive Charles, Doris Mifsud, Maria Fatima Vella wife of Spiridione, Spiridine Mifsud, Lucrezia sive Grace Grech, wife of Anthony, Maria Rosaria sive Lucia Chambers wife of John, and Pauline Saliba wife of Sebastian, the premises with their own air space, number thirty three (33) and thirty four (34) Qrejten Street, Msida.

That as results from the same act of sale 'Doc. A' these premises are subject to the annual and perpetual groundrent of two Maltese Liri (Lm2) and as for the rest free and unencumbered, with all their rights and appurtenances, free from any hypothecs and privileges, free from any real or personal rights of third parties, from any litigation, free from any requisition or acquisition order with vacant possession;

That the applicant does not know who is/are the dominus directus and thus is also together with this schedule, filing an application for the appointment of deputy curators to represent the said unknown owners in the records of this schedule and in the subsequent acts;

That the applicant wishes to avail itself from the faculty given by article 1501 of Chapter 16 of the Laws of Malta and thus redeem the said groundrent;

Thus the sum of two Maltese Liri (Lm2) capitalized at the rate of five per cent (5%) amounts to four Maltese liri (Lm40).

Thus the applicant company calls upon this Honourable Court and under its authority deposits of forty Maltese Liri (Lm40) representing the redemption of groundrent above mentioned so that the same sum be freely withdrawn by the respondents against the release of the due receipt according to law.

Depożitanti: Triq Sant Marija, Magħtab, Għargħur.

Intimati: Kuraturi Deputati. Qrati Superjuri, il-Qorti, Valletta.

Int Għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u sejjaħ b' dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandhek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Onor. Imħallef Tonio Mallia, LL.D., Duttur tal-Liġi.

Illum 8 ta' Mejju 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Lulju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Depositors: Saint Mary Street, Magħtab, Għargħur.

Respondents: Deputy Curators, Superior Courts, Courts of Justice, Valletta.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr. Justice Tonio Mallia, LL.D., Doctor of Laws.

Today 8th May 2006.

Registry of the Superior Courts, today 7th July 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1132

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Ġunju 2006, fl-atti tar-Rikors Nru 97/06 JA, fl-ismijiet Anna Pavia vs Diyar Bakrali Rami, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ipprezentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-17 ta' Marzu 2006, fl-ismijiet Pavia Anna, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Nru 209366(M) vs Rami Diyar Bakrali, ir-rikorrenti Anna Pavia esponiet bir-rispett;

1. Illi hija żżewġet lill-konvenut f' Malta fis-sitta u għoxrin ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed (26/12/2001) liema żwieġ ġie rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bl-Att taż-Żwieġ li jġib in-Nru 2109/2001 (Dokument A);

2. Illi minn dana ż-żwieġ ma twildux tfal;

3. Illi ż-żwieġ bejniethom tksisser irrimedjabbilment għal raġunijiet attribwibbli lill-konvenut, …… Omissis……

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 2nd June 2006, in the records of the Application Number 97/06 JA, in the names Anna Pavia vs Diyar Bakrali Rami, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12

By means of an application filed in the Civil Court (Family Section) on the 17th March 2006, in the names Pavia Anna holder of identity card number 209366(M) vs Rami Diyar Bakrali, the applicant Anna Pavia pleaded with respect:

1. That she married the defendant in Malta on the twenty sixth of December of the year two thousand and one (26/12/2001) which marriage was registered in the Public Registry of Malta by means of the act of marriage which bears the No. 2109/2001 (Document A);

2. That from this marriage no children were born;

3. That the marriage between them irretrievabley broke down for reasons attributable to the defendant, …..Omissis……

4. Illi l-partijiet għaldaqstant ilhom separati de facto għal snin sħaħ.

5. Illi l-attriċi tixtieq li tissepara ad mensa et thoro minn mal-konvenut ……..Omissis……

6. Illi l-attriċi tixtieq ukoll li jiġi ddikjarta li bħala konsegwenza tas-suriferit il-konvenut ddekada mill-jeddijiet konjugali kollha previsti mill-Kodiċi Civili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

7. Illi l-attriċi ġiet debitament awtorizzata tistitwixxi dawna l-proċeduri permezz tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat wieħed u għoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (21/02/2006) u numerat 285/2006, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument B.

Għar-raġunijiet premessi r-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi Bakrali għar-raġunijiet imputabbli lill-konvenut.

2. Tittermina, tillikwida u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti;

3. Takkorda lill-istanti manteniment xieraq għaliha u tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-istess manteniment;

4. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti s-sanzjonijiet stipulati fl-Artikolu 48 u jew 51 sa 55 tal-Kodiċi Civili (Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta) u dana bħala konsegwenza tal-ħtijiet manifesti tal-konvenut fit-tkissir ta' dan iż-żwieġ.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa inġunt sabiex jidher in subizzjoni.

Lista tax-Xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Intimat: Flat 4, Kevin Court, Testaferrata Street, Msida.

Ir-Rikors Nru 97/2006 JA, fl-ismijiet Anna Pavia vs Diyar Bakrali Rami, jinsab differita għas-6 ta' Ottubru 2006, fl-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 10 ta' Lulju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

4. That the parties have thus been separated de facto for a long period of time.

5. That the plaintiff wishes to separate ad mensa et thoro from the defendant …….Omissis……

6. That the plaintiff wishes also that it be declared that as a consequence of the above the defendant forfeited all the conjugal rights as stipulated by the Civil Code (Cap.16 of the Laws of Malta).

7. That the plaintiff was duly authorized to institute these procedures by means of a decree of this Honourable Court dated twenty first of February of the year two thousand six (21/02/2006) and numbered 285/2006, a copy of which is hereby annexed and marked Document B.

For these reasons premised the applicant humbly prays this Honourable Court so that:

1. It pronounces the personal separation between the spouses Bakrali for reasons imputable to the defendant.

2. To terminate, liquidate and declare dissolved the community of acquests existing between the parties;

3. To give to the plaintiff adequate maintenance for her and to order the defendant to pay the same maintenance;

4. To apply against the defendant entirely or in part the sanctions stipulated in Article 48 and or 51 to 55 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta) and this as a consequence of the manifest torts of the defendant in the breakdown of this marriage.

With costs against the defendant who is summoned so that a reference to his evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Respondent: Flat 4, Kevin Court, Testaferrata Street, Msida.

The application No. 97/2006 JA, in the names Anna Pavia vs Diyar Bakrali Rami, has been put off to the 6th October 2006, at 9.45 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 10th July 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*